# TAGHLIM GHAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGĦU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

### 2. XBIHAT ĠEWWA L-HOLQA TA' TRIQET IX-XEMX *(jissokta)*

9. Din il-għaqda kwiekeb hija magħrufa mill-Griegi bl-isem tal-*Arpa*, iżda billi l-kelma griega għal dil-kelma tfisser ukoll *fekruna* tissejjaħ ukoll bl-isem ta' *fekruna*. Soltu, madankollu, il-Għarab kienu jxebħuha lil *seqer* bi ġwenħajh miġburin flimkien fil-waqt li qiegħed jaħtaf b'difrejh il-priża tiegħu jew "jaqa'" fuqha. Bil-għarbi *il-wâqigħ*, li jaqa'.

A. **Wega**, dlonk miktuba ħażin *Vega*, l-isem tax-xbieħa kollha kemm hi. Bil-għarbi, **al-waqigħ**. Is-seqer li jaqa'. Kewkba kbira lewnha jati fl-ikħal.

*G*. **Sulhafah, Sulhafat**. Kelma għarbija tfisser fekruna, li hu l-isem tal-imħalla kollha kemm hi.

H. **Aladfar**. Kelma għarbija (plural miksur) li tfisser "id-dwiefer" jew "dwiefer is-Seqer".

10. Xbieħa ta' *Ċinju*, iżda mill-Għarab magħrufa dejjem bl-isem ta' Tiġieġa : *Ad-daġaġa*, mill-Ispanjoli msejħa *Adigige*, tixbah lill-kelma maltija *tiġieġa*.

A. **Denebedegige**, jew *Deneb* li hija l-akbar fost il-ħafna kewkbiet li jġibu dan l-isem. Hija kewkba bajda fil-għerq ta' denb iċ-Ċinju (1).

*B*. **Menkar, Minkar**. Kewkba f'munqar iċ-Ċinju. Imsejħa *munqar*.

*G*. **Sadr**. It-Tiġieġa u oħrajn miktubin xort'oħra għallistess kelma. Kewkba fir-rix tas-*sider* :

D. G.E.Z. Erba' kwiekeb qegħdin linja dritta jixxiebhu lil serbut Rikkieba taż-Żwiemel u msejħin *al-Fawâris*, bil-Malti, il-Firsien.

E. **Ġienaħ**, ġewnaħ.

W. **Kewkba**, kewkba fl-**irkobba** taċ-Ċinju.

---

(1) *Munqar it-Tiġieġa*. Ma' isem il-kewkba hija drawwa li jżidu wkoll isem ix-xbieħa tal-imħalla li fiha tinsab il-kewkba, hekk fl-ittra G hemm il-kewkba *Sider it-Tiġieġa*, fl-ittra W ir-*Rkoppa tat-Tiġieġa* u hekk għall-oħrajn kollha.

TISWIJA.—Fil-ħarġa ta' qabel, faċċ : 54, fl-ewwel vers ta' wara l-ewwel paragrafu, il-kelma **Alkuccabah** riedet tiġi **Alruccabah** u l-kelma *riekda* riedet tiġi *riekba*.

11. **Cassiope.** imsejħa d-Dama ta' fuq is-Siġġu, (is-Sidt ta' fuq il-Manbar) iżda spiss imsejħa l-Id, il-Keff—billi l-ħames kwiekeb ta' din ix-xbieha li jidhru bħal W,mita jaħbtu l-isfel mill-Polu,u bħal M kbira miftuħa, mita l-fuq mill-Polu, xebbħuhom lil *id* jew *keff* ta' l-id bil-ħamest iswaba' miftuħa. Dan il-għanqud kwiekeb hu magħruf biżżejjed u jista' jidher *dejjem* f'kull lejla għan-naħa tat-Tramuntana.

A. **Seder, Scheder,** kewkba fuq sider id-Dama.

*B.* **Caph, Chaph.** Din hija l-kewkba li tidher fl-id, b'isem ta' **Keff,** għall-id kollha.

D. **Rukba.** Kewkba fi *rkobbet* id-Dama.

12. Xbieha ta' Perseus, soltu msejjaħ ir-Reffiegħ tal-Għul (Ras Medusa), bil-Għarbi magħruf bl-isem ta' *Ħammâl al-Għul.* Sura ta' raġel b'sieqa u b'idu l-lemenija merfugħin il-fuq u b'idu x-xellugija jżomm ras il-għul tistenna d-daqqa tas-sikkina.

A. **Alġenib, Alchemb,** bil-Malti, il-ġenb. Kewkba f'ġenb ir-Reffiegħ.

*B.* **Algol,** bil-malti, il-għul, ras ix-xitan. Kewkba ħamra li tbiddel fil-lewn.

*X.* **Menkib,** bil-malti, il-minkeb. Kewkba fil-qasba ftit l-isfel mill-għaksa ta' sieq ir-Reffiegħ.

13. Ir-Raġel li jżomm il-lġiem jew, ir-Ragħaj tal-mogħoż.

A. Fl-Europa iktarx imsejħa *Capella,* iżda f'xi mappi miktuba **Alhayoth** u **Alhatod,** li hija l-kelma għarbija *Al-għatud* li tfisser l-istess bħal kelma maltija *Botbot,* u wisq krib lejn seħbitha *Wett* jew *Wott,* muntun. Kewkba safranija. Xi kwiekeb żgħar ta' din ix-xbieha għandhom ukoll isem il-mogħoż. Waħda minnhom jisimha *Al-Anz* li hija l-kelma maltija *l-għens,* oħra miġjuba fuq il-mappi jisimha **Maaz,** li hija l-kelma maltija *mogħża,* u tnejn oħra *Al-Gidejn, iż-żewġ gidien.*

14. Is-Serp, bil-għarbi, *al-ħajja.*

A. **Unukalhai,** kewkba f'għonq is-Serp ; bil-għarbi : *Għunq-al-ħajja.*

15. Reffiegħ is-Serp. Bil-għarbi: Al-ħawwa, is-Saħħar,

A. **Rasalague,** ras-al-ħawwa miktuba bl-ispanjol, jiġifieri Ras-is-Saħħar.

*B.* **Cebalrai.** Tidher miktuba ħażin flok il-kelmiet *Kelb-ir-Ragħaj.* Jista' jkun li qiegħda flok il-kelmiet : *Qalb al-ħawwa,* Qalb is-Saħħar.

D. **Yed.** Id is-Saħħar.

L. **Marfik** (spiss miktuba ħażin **Marsik**): Minkeb.

16. F'xi mappi din l-imħalla msemmija *Alance*, li donnu żball flok il-kelma **Al-ħams**, bil-malti, il-ħames. **Il-Ħames Kewkbiet.** Iżda dlonk tista' tkun iktarx il-kelma għarbija: *As-Sahm.* It-tifsira tal-kelma maltija *sehem*, tidher li ġejja mill-vleġeġ billi dawn kienu dari jservu biex itellgħu x-xorti, dak li jarfa' l-itwal vleġġa kien ikollu l akbar *sehem.* Fiha ħames kewkbiet żgħajrin qegħdin bejn il-*Munqar taċ-Ċinju* jew *it-Tiġieġa* u *l-Bies.* Għandhom għamla ta' qasba bir-rixa, donnha vleġġa, imxebbħa daqqa lil *Musmar*, u daqqa lil *Tagħan.*

17. Imsejħa *Il-għasfur serrieqi li jtir*, jew **Tajra** u mill-Persjani *Xahin*, il-Bies.

A. **Altajar.** Isem ix-xbieha. *It-Tajra.* Kewkba safranija.

*B.* **Alshajn**: L-isem Persjan mogħti lil kollha kemm hi.

Z. **Deneb.** Denb-it-tajra.

18. Id-Denfil. Dan huwa annimal li, qabel ma bdew jużaw is-salvauom skond il-ħrejjef tal-qedem, kien soltu jġorr fuq dahru l-baħrin li jinnafragaw u jeħodhom l-art. Fost l-Insara tal-Lvant din il-kostellazzjoni kienet tissejjaħ is-Salib. Tnejn mill-kwiekeb tagħha jġibu fuq il-mappi l-ismijiet strambi ta' **Svalocin** u **Rotanev**. Dawn l-ismijiet ġejjin mit-Tifkiriet tal-Osservatorju ta' Palermo ippubblikati fi Vienna, u ma kinux fihom infushom ħlief ċajta tal-Kbir Astronomu Piazzi li kien għamel lill-assistent tiegħu billi kien qaliblu ismu u kunjomu u kitibhomlu bil-maklub. Ismu dan l-assistent kien jiktbu bil-latin **Nicolaus Venator.** Il-kewkba f'denb id-Denfil, bħal ma hu soltu fi kwiekeb bħal dawn, tissejjaħ **Deneb.**

19. Iż-Żiemel bil-Ġwienaħ (Pegasus). Bil-għarbi: *il-Faras*. Xbieha b'erbat iġnieb indaqs.

A. **Markab, Marchab.** Il-kelma għarbija tfisser kull ħaġa li wieħed jista' jirkeb fuqha, soltu dgħajsa, bastiment jew karru, iżda hawnekk tista' tfisser is-Sarġ.

*B.* **Mankib, Menkib.** Bil-malti, minkeb. Kewkba f'riġlejn iż-żiemel.

*G.* **Alġenih**, u spiss **Alġenib.** Hija l-kelma għarbija *Alġenaħ*, bil-malti: *il-ġewnaħ.*

D. Mhix immarkata fl-Istampa għax taqbel mal-A tax-xbieha 20. F'xi mappi msemmija **Surra**, iżda f'ħafna għandha l-isem ta' **Alpheratz**. Il-veru isem għarbi ta' din il-kewkba huwa *Surrat-al-Faras.* Is-sorra jew żokra tal-Fieres. Il-Għarab isejħulha wkoll *Ras-al-mara*, Ara fin-Numru 20.

E. **Enif** bil-għarbi, *anf*, imnieħer. Din il-kewkba qiegħda fil-ħartum jew xoffa taż-żiemel. Fil-lħit u fix-xagħar ta' fuq għonq iż-żiemel hemm bosta kwiekeb tal-"fortuna jew riżq"; bil-għarbi *Sagħd*. Waħda minn dawna hija *Sagħd al-Behaim*, il-fortuna tal-bhejjem. Fuq dawn il-kwiekeb tal-fortuna tar-rebbiegħa taqra iżjed il-quddiem fl-kwiekeb immarkati 31 A u 32.

20. **Andromeda** magħrufa bil-laqam tal-"mara marbuta bil-ktajjen," il-Mara li qatt ma rat lil żewġha, jew l-Armla.

A. Ara n-numru 19D.

B. **Mirach**. L-istess kelma bħal dik tan-numru 2 B. Tissejjaħ ukoll *Miżar* (Liżar) u *Ġenb*=Liżar-il-mara, Ġenb il-mara.

X. **Adhil**. Bil-malti : id-dejl, id-djul.=Dajl jew djul il-mara. F'din ix-xbieha hemm is-sħajba (għanqud kwiekeb magħqudin ma' xulxin, jidhru bħal ċpar) illi kixifha l-ewwel darba l-astronomu Al-Sufi.

21. It-Trijanglu jew l-Imtellet. Tlitt kwiekeb f'għamla ta' tlitt-irkejjen.

A. **Ras el-Mutħallet**. Ir-ras tax-xbieha. Ir-ras tal-Imtellet. Kewkba fil-quċċata tat-trijanglu.

### 3. IT-TNAX IL-XBIEHA TAT-TRIQ TAX-XEMX

Dawn it-Tnax il-Għanqud kwiekeb ta' Triqet ix-Xemx, kull waħda taħbat f'wieħed jew ieħor mix-xhur tas-sena, għandhom il-biċċa l-kbira isimhom bil-malti wkoll u nsibuhom f'"X'jgħid il-Malti jew l'Għerf bla miktub tal-Maltin" ta' Patri Manuel Magri, S.J. (1929). paġ. 82. Għal min m'għandux dan il-ktieb, inġibu hawn il-lista ta' dawn l-ismijiet Maltin bil-Lhudi li jwieġeb għalihom.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Wott jew it-Tieni | Tôli (Tali) |
| 2. | It-Tawr jew il-Fart jew il-Gendus | Xôr |
| 2. | Iż-Żewġ Tewmin | Tawmin |
| 3. | Il-Qabru | Sarton |
| 5. | Il-Ljun (dari, id-Dorbies) | Arje |
| 6. | Il-Mara jew ix-Xebba | Btula |
| 7. | Il-Miżien (tifel bil-miżien) | Możinajm |
| 8. | Il-Għarkub jew l-Imqass | Għaqrob |
| 9. | Il-Qawwâs | Qoxêt |
| 10. | Taż-Żir (tifel jarfa' Żir) jew iż-Żir | Dli-Deli |
| 11. | Il-Għens jew il-Botbot denbu ta' Ħuta | Gidi |
| 12. | Il-Ħutiet | Dagem. |

22. Magħrufa bl-isem ta' Ħaruf, il-Kibx jew il-Kibx il-mans. Wiċċu mdawwar l-ura.

A. **Elnath.** Bil-għarbi *an-nâtih*, il-ħaġa li biha tati daqqa. Bil-malti, nataħ, tati daqqa bir-ras.

*B. G.* **Sharatan.** Bil-għarbi *xaratajn*. Żewġ sinjali (tas-sena l-ġdida). Il-plural *xurût* dlonk jingħad biex ifisser ħaġa fis-smewwiet li tħabbar jew sinjal ta' pronostku fis-sema.

E. D. **El Botein.** Kelma għarbija fis-sura "diminutiva" li tfisser, żaqq jew botna.

23. It-Tawr.

A. Dlonk* imsejħa *Għajn it-Tawr*, u xi mindaqqiet *is-sewwieqa tas-Seba' kwiekeb jew tat-Trajja*, iżda, wisq spiss magħrufa bl-isem ta' **Aldebaran**, li bil-għarbi tfisser "dik li timxi wara t-Trajja". Hija kewkba ħamra mxuma li ġġib hemm kbir u tnissel il-pesta u d-dbabar. Xebbah il-kelma *dabarajn* mal-kelma maltija *dabra*.

*B.* **Nath.** L-istess kelma bħal dik tan-numru 22A, il-ħaġa li biha tati daqqa. Ukoll tissejjaħ **Qarn it-Tawr** jew **il-Qarn** tat-Tramuntana.

H. Dan hu gozz ta' seba' kwiekeb magħqudin flimkien fuq il-ħotba tat-Tawr u mxebbah ma' għanqud għeneb, magħruf f'Malta bl-isem qadim ta' Trajja. Spiss imsejjaħ it-Tiġieġa tas-Sema u l-Bniet tagħha, iżda mill-Għarab, l-iktar magħrufa bl-isem ta' *neġm*, li tfisser "Kewkba". Fil-Malti l-iktar kelma qrib hija dik ta' *niġem*, ħaxixa selvaġġa li skond xi vokabolarji qodma tal-Għarbi għandha dan l-isem il-għaliex malli tinbet, il-weraq tagħha jidhru f'wiċċ l-art bħal kewkba.

24. It-Tewmin. Xi mindaqqiet isejħulhom *al-ġewż*, illi jmissha tfisser il-frotta tal-ġewż, iżda iktarx hija kelma li fuq il-mappi ġiet miktuba ħażin flok *żewġ*, u minn hekk l-isem ta' Tewmin. Jista' wieħed hawnhekk ifakkar illi x-xbieha tat-Tewmin kienet il-pulena tal-bastiment li xeħet lil San Pawl fuq ix-xtut ta' Malta.

*(Jissokta)* A. C.